MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 193/2007

**Eriksonn Limited (C-17890)**

**vs**

**Rook Construction Ltd (C-16076)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Rook Construction Ltd (C-16076) *ai termini* tal-artikolu 283A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 21 ta' Frar 2007 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` Erikscon Limited (C-17890)ipprezentat rikors datat 17 ta' Jannar 2007 sabiex tottjeni mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra s-socjeta` esponenti ghas-somma ta' elf tmien mija hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm1,875);

Illi l-istess socjeta` talbet il-hrug ta' dan il-mandat a bazi tat-titolu ezekuttiv naxxenti minn "bilanc fuq is-*sorte* kanonizzat b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Eriksson Limited vs Rook Construction Ltd"** (Citazz No. 2292/97 AJM) deciza fit-28 ta' Jannar 2002, li marret dezerta fl-appell fil-15 ta' Novembru 2004;

Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar 2007, laqghat it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv;

Illi wiehed mis-sekwestratarji u cioe` HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezenta cedola ta' depozitu datata 6 ta' Frar 2007, permezz ta' liema huwa adixxa lil din l-Onorabbli Qorti u ddepozita taht l-awtorita` taghha s-somma ta' elf, tliet mija u erbghin liri Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm1,340.91), li flimkien mas-somma ta' tnejn u erbghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm42.46) *qua* spejjez u drittijiet legali konnessi ma' dak id-depozitu jammontaw ghas-somma ta' elf, tliet mija u tlieta u tmenin Lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm1,383.37) liema somma kienet f'idejn l-imsemmi bank;

Illi jigi rilevat illi mhuwiex minnu illi baqa' xi bilanc fuq is-*sorte* kanonizzat bis-sentenza surreferita u dan *stante* illi **bi ftehim milhuq bejn il-kontendenti gie mwettaq pagament ghas-saldu ta' kwalsiasi vertenza bejn is-socjeta` esponenti u Eriksonn Limited,** liema pagament kien gie **accettat inkondizzjonatament mis-socjeta` Eriksonn Limited** u dan kif jidher ahjar mic-cekk tal-HSBC bin-numru 001084 datat 2 ta' Novembru 2004 li intbaghat lill-konsulent legali ta' Eriksonn Limited specifikatament *"in full and final settlement"* u gie accettat u msarraf bhala tali (kopja ta' liema cekk immarkata bhala 'Dok A');

Illi ghaldaqstant, **it-titolu ezekuttiv illi kienet tgawdi s-socjeta` Eriksonn Limited ma baqax iktar fis-sehh *stante* illi s-socjeta` esponenti wettqet hlas ghas-saldu** liema hlas gie accettat mill-istess socjeta` Eriksonn Limited inkondizzjonatament u dan qed jigi ppruvat mic-

cekk anness (‘Dok A’) u kif ser jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smigh ta’ dan ir-rikors.

Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv bin-numru 66/07 fl-ismijiet surreferiti u dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2007.

Rat ir-risposta ta’ Eriksonn Limited datata 13 ta’ Lulju 2007 (fol 19) fejn bil-gurament qed jigi kkonfermat minn Dr. Peter Borg Costanzi (ID 247554M) kif debitament awtorizzat illi: -

It-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan *stante* li ghalkemm huwa minnu li meta ntbaghat ic-cheque li ssemma' fil-kawza, dan intbaghat *in full and final settlement,* izda dan ic-*cheque* ma ssarrafx mill-ewwel u ssarraf biss wara li kien sar diskors bejn l-avukati koncernati tal-partijiet li dan ic-*cheque* jista' jissarraf mis-socjeta' intimata minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghha ghall-bilanc li kienet qieghda titlob.

Is-socjeta` intimata qatt ma accettat li tircievi l-ammont indikat fic-*cheque* fuq imsemmi *in full and final settlement.*

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbli tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fit-22 ta’ Mejju 2008, fejn b’referenza ghar-rikors imressaq fis-16 ta’ Mejju 2008 minn Rook Construction Ltd il-Qorti ordnat illi ssir it-trattazzjoni tar-rikors. L-avukati tal-partijiet trattaw ir-rikors. Il-Qorti halliet il-kawza ghad-decizjoni ghad-9 ta’ Ottubru 2008; u rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tas-27 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-kumpanija socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta u difensuri taghhom imsejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Bir-rikors odjern, ir-rikorrent Rook Construction Limited talbet it-thassir ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv, bin-numru 66/07, li nhareg fl-ismijiet "**Eriksonn Limited v Rook Construction Limited**" *a tenur* tal-**Artikolu 283A** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq bilanc ta' Lm1875 dovut lis-socjeta' ezekutanti fuq is-sorte kanonizzat favur taghha permezz tas-sentenza infraskritta.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-mandat premess inhareg fis-17 ta' Jannar 2007 in ezekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza "*Eriksonn Limited v Rook Construction Limited*" (Cit. 2292/97AJM), deciza fit-28 ta' Jannar 2002. Din il-kawza marret dezerta fl-appell fil-15 ta' Novembru 2004 u b'hekk ghaddiet in gudikat. In segwitu ghall-Mandat, l-HSBC Bank Malta p.l.c., bhala sekwestratarja, iddepozitat taht l-Awtorita` tal-Qorti l-ammont ta’ Lm1340.91 *piu'* l-ispejjez tac-cedola.

Is-socjeta' ezekutata Rook Construction Limited harget cekk datat it-2 ta' Novembru 2004 fl-ammont ta’ Lm13000[1] pagabbli lil Dr. Peter Borg Costanzi ghan-nom tas-socjeta' kreditrici, bil-kliem "*Thirteen Thousand Maltese Liri, Ericsonn-Rook-Full and final settlement."*

[1] **DOK A** anness mar-rikors promotur *a fol.* 3 tal-process.

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti ssostni li ma kien baqa' ebda bilanc dovut meta ntalab il-hrug tal-mandat ezekuttiv *stante* ftehim milhuq bejn il-kontendenti li gie imwettaq bil-pagament ghas-saldu, liema pagament gie accettat inkondizzjonatament mis-socjeta' Eriksonn. Ghal dawn ir-ragunijiet, tghid li l-mandat inhareg irritwalment peress li t-titolu ezekuttiv ma baqax iktar fis-sehh minhabba l-hlas a saldu.

Is-socjeta' ezekutanti, Eriksonn Limited, fir-risposta taghha, laqghat it-talba odjerna billi qalet li c-cekk issarraf wara li sar diskors bejn l-avukati tal-kontendenti fis-sens li ser jissarraf "minghajr pregudizzju" ghad-drittijiet taghha ghall-bilanc li kienet qieghda titlob u li qatt ma accettat li tircievi l-ammont indikat fic-cekk imsemmi "*in full and final settlement."*

**IL- PROVI**

**Dr. Adrian Delia** in rapprezentanza tal-Kumpanija rikorrenti qal li wara li nghatat is-sentenza tal-Prim'Istanza, tkellem mal-Avukat Borg Costanzi biex jittransigu l-pendenzi bejniethom. L-ammont ta' Lm13000 kien jinkludi s-*sorte* kollu, spejjez gudizzjarji, izda parti mill-imghax. Skont hu c-cekk jirraprezenta d-diskors li kien sar ma' Dr. Peter Borg Costanzi u kien sorpriz meta sar jaf bil-mandat ta' sekwestru. Eskluda li kien sar ftehim illi b'xi mod waqqa' dak li kienu qed jaccettaw.

Ic-cekk, mertu ta' din il-vertenza, hu muri wkoll bhala **DOK RC1** a fol 12 tal-atti, hu ssarraf fil-5 ta' Jannar 2005 mentri il-mandat inhareg fis-17 ta' Jannar 2007.

In **Kontro ezami** ippreciza li d-diskors sar fil-perjodu qabel l-ewwel appuntament tal-Appell. Kien hemm diskors biex il-patrocinat tieghu jirrinunzja ghall-appell u ghamel proposta li jhallsu Lm13000 *in full and final settlement.* Ma eskludiex li s-socjeta' kreditrici insistiet li l-pagament kellu jsir qabel l-ewwel appuntament quddiem il-Qorti tal-Appell. Lanqas seta' jeskludi li c-cekk, ghalkemm datat it-2 ta' Novembru 2004, intbaghat fl-24 ta' Novembru 2004. L-Appell mar dezert fil-15 ta' Novembru 2004 minhabba li

ma giex ikkawtelat mill-patrocinat tieghu. Xehed ukoll li ma ftakarx jekk il-pagament kienx marbut mad-data tal-appell izda ftakar li xi zmien wara li l-Avukat Borg Costanzi rcieva c-cekk, il-klijent tieghu Eriksonn, baqa' jghid li ried aktar.
Re **DOK AD1** jghid li hu *fax* datat id-9 ta' Dicembru 2004 mibghut minn Dr Peter Borg Costanzi lix-xhud ghall-pagament ta' ammont komprensiv ta’ Lm14805.99[2]. Eskluda kategorikament li l-klijent tieghu qabel li c-cekk jissarraf minghajr pregudizzju. L-istruzzjonijiet li kellu mill-klijent tieghu kien li jhallsu Lm13000 altrimenti kienu jibqghu ghaddejjin bl-appell.

Jirrizulta mix-xhieda u dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc[3] li s-socjeta` kreditrici agixxiet biex tottjeni l-hlas ta' garanzija bankarja mal-Bank, u dan b'ittra tad-29 ta April 2005[4]. Din it-talba ma gietx accettata mill-Bank peress li saret *fuori termine.*

Xehed **Dr. Peter Borg Costanzi,**[5] li esebixxa diversi dokumenti fejn informa lill-Avukat Delia li l-ammont kien tela' ghall-Lm13505 f'Jannar 2003, imbaghad ghall-Lm13800 f'Lulju 2003, u fit-30 ta' Settembru 2004, wara li kien hareg l-Avviz tas-Smigh tal-Appell, l-ammont kien tela' ghall-Lm14921.[6] "*Jien iddiskutejt il-proposta li jithallas Lm13000 ghas-saldu mal-klijent u l-klijent accetta basta li dan il-hlas isir qabel dakinhar tas-smigh tal-appell, jigifieri qabel il-15 ta' Novembru 2004" (Enfasi tal-Qorti)* Hu xehed ukoll li kkomunika din ir-risposta lil Dr. Delia.

Baghat fax lil Dr. Delia fid-9 ta Dicembru 2004 fejn talbu jikkonfermalu li c-cekk li kien hallielu seta’ jissarraf "*bhala pagament akkont."*

Xehed li in segwitu tkellem ma’ Dr. Delia u "*verbalment Dr. Delia kien informani li jiena stajt nipprocedi biex insarraf dan ic-cheque u mbaghad il-kwistjoni tad-*

[2] Fol 25 tal-Atti.
[3] A fol 56 et.seq. tal-atti
[4] Fol 31 tal-Atti.
[5] Affidavit a fol.69 et.seq. tal-atti.
[6] **Dokumenti PBC1-5** a fol 73 et. seq.

*differenza bejn Lm13000 u Lm14805.99 nittekiljawha 'l quddiem. B'hekk jien ghaddejt biex sarraft ic-cekk."*

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

L-artikolu 283 A gie enumerat mill-gdid bhala artikolu 281 u gie sostitwit bl-artikolu vigenti 281 tal-Kap.12 bl-Att Numru XIV tas-sena 2006.[7]

L-Artikolu **283A** kien jiddisponi li : "(1) *Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."* Fis-sustanza din hija ripetuta fl-Artikolu 281 tal-Kap 12 salv li l-procedura li tirregola r-revoka ta' mandati ezekuttivi inbiddlet f'certu aspetti.

Indubjament fit-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv, il-kreditur ghandu jindika "s-somma dovuta" u jekk ikun gie saldat il-hlas. Jekk, allura, ma hemm xejn iktar dovut u l-mandat ma jistax jinhareg ghaliex ikun monk minn wiehed mill-premessi bazilari mehtieg ghall-hrug tieghu.

Il-qofol tal-kwistjoni hu jekk il-hlas tal-ammont ta' Lm13000 permezz tac-cekk li ssarraf, kien "a saldu". Hemm qbil, fil-fatt li dan ic-cekk issarraf mis-socjeta' kreditrici.

Dwar l-import ezatt ta' kliem akkompanjanti hlas jew hlasijiet li naha (il-pagant) tkun qed tghid esplicitament u espressament li l-hlas qed isir "per saldu" filwaqt li parti li qieghda tircievi, filwaqt li tinkassa l-flus, twiegeb li dan qieghda taghmlu jew ghamlitu bla pregudizzju tal-ammont bilancjali din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz deciz fil-15 ta' Marzu 2002, fl-ismijiet "**St. George's Park Company Ltd**

[7] Att Numru XIV. 2006,.12.

**vs Eric Pace Bonello nomine."** F'din id-decizjoni, il-Qorti, fuq l-iskorta wkoll tad-decizjoni moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna"**, P.A. deciz fl-24 ta' April 1992, u decizjonijiet ohrajn fiha citati in tema legali, irriteniet li fejn ic-cirkostanzi huma tali li kull parti taf x'qieghed isehh, meta d-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaqbad minflok u jaccettah b'kondizzjonijiet u b'rizervi li intrinsikament u necessarjament huma nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu (hekk ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "**W. Apap vs J. Gasan noe**" tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru 1986).

"*Huwa irrilevanti dak illi l-kumpanija attrici kitbet fl-ircevuta illi baghtet lura lill-kumpanija konvenuta wara li accettat il-pagament, peress illi kull ma imponiet fl-ircevuta ma kellux l-adezjoni tal-konvenut u allura ma jikkostitwixxi ebda ftehim ulterjuri. Ir-rabta giet ikkompletata bejn il-partijiet meta l-konvenut baghat il-pagament u kif huwa jippretendi li kien ghas-saldu u l-kumpanija attrici sarrfet dak ic-cheque taht il-kundizzjoni imposta mill-konvenut. Biex tista' treggi l-pretensjoni tal-intimati illi huma ghadhom intitolati li jithallsu ghall-bilanc minnhom pretiz, huma jirrikjedu prova illi d-debitur, nonostante il-kundizzjoni li npona mal-pagament qabel illi jhalli miftuha l-kwistjoni dwar il-bilanc*."

Fil-kaz in ezami, l-istruzzjonijiet li rcieva Dr. Adrian Delia mill-mandanti tieghu kienu cari - il-hlas ta' Lm13000 kien qed isir a saldu altrimenti "*jkomplu bl-appell*". Difatti l-partijiet jaqblu li ftehim f'dan is-sens sar qabel ma sehh l-ewwel appuntament quddiem il-Qorti tal-Appell. Kien ghalhekk li s-socjeta` debitrici ma kkawtelatx l-appell, peress li hallset *a saldu* in ottemperanza mal-ftehim, u dan bi pregudizzju rrimedjabbli ghall-pozizzjoni legali taghha. Kien wara li s-socjeta` kreditrici biddlet il-fehma u dan, ostensibbilment minhabba *deadline* li mponiet bhala kondizzjoni tal-accettazzjoni taghha tal-ftehim. Izda b'hekk xorta ghaddiet biex sarrfet ic-cekk minkejja li ma kien hemm ebda konferma, <u>b'mod car u univoku</u>, da parti tar-

Rook Construction Limited, li accettat tibdil fil-ftehim. Anzi l-korrispondenza permezz ta' *emails* turi l-oppost.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Intimata Eriksonn Limited, **tilqa'** t-talba tas-socjeta' rikorrenti Rook Construction Limited u thassar u tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru 66/07 fl-ismijiet Eriksonn Limited (C 17890) -v- Rook Construction Ltd (C-16076).

L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta' Eriksonn Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------